MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Numru. 262/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Geoffrey Turner detnetur tal-karta tal-identita' numru 165576M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Geoffrey Turner** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-2 Marzu, 2012 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom

bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ta’ nhar id-9 ta’ Awwissu, 2007, liema decizjoni saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, tnejn - wahda taht il-Kapitolu 31, Artikolu 120A(3); u l-iehor taht l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101, ilkoll tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat aktar tard, il-Kontro Ordni mahruga taht iz-zewg Kapijiet imsemmija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi in ezami tal-akkuzi migjuba, ezaminat ukoll il-provi kollha migjuba bir-reqqa.

L-**Ispettur Pierre Grech** minn naha tieghu xehed dwar mandat illi gie esegwit fuq l-imputat. Fil-fatt, fuq tali mandat gie intercettat l-istess imputat u saret anke tfittxija fir-residenza tieghu. Dwar ir-rizultanzi ta’ dan l-Ispettur ma kinx prezenti, pero darba li l-imputat gie arrestat, dan gie mitkellem mill-Ispettur illi hadlu u ghalhekk ezebixxa stqarrija tiehgu, Dok PG folio 31.

Ezebixxa wkoll sentenza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Geoffrey Turner*", Dok PG3 (folio 36); u l-vettura BBQ809 formalment ezebita.
In kontro ezami rrisponda li akkuza lill-akkuzat b'pussess aggravat minhabba l-ammont konsiderevoli ta' droga.
Qal illi fl-istqarrija ammetta li kien jikkonsma d-droga.

Gie ezebit ukoll il-process verbal fuq tali ncident, u l-konferma tal-esperti hemm nominati.

Rat ukoll ix-xhieda ta' **PC 1174 Adrian Sciberras** dwar l-istqarrija ezebita li din giet mehuda wara li Turner inghata s-solita twissija.

Dwar il-vettura ezebita u li fiha skont l-Ispettur instab l-imputat - kif ser jirirzulta mix-xhieda tal-pulizija nvoluti, **Brian Farrugia in rapprezentanza ta' Transport Malta** qal illi Turner kellu registrati fuq ismu tliet (3) vetturi – Ford Fiesta, Piaggio Runner, u mutur Honda. Xehed ukoll illi kellu ricenti vettura BBQ808 Subaru Viva.

Dwar is-sentenza ezebita mill-Ispettur Pierre Grech, xehed l-**Assisent Kummissarju Neil Harrison** illi kkonferma l-identita' tal-imputat bhala l-istess wiehed illi kontra tieghu nghatat is-sentenza ezebita, Dok PG3.

Xehdu l-pulizija nvoluti f'din it-tfittxija u arrest.

**PS 579 Antoine Micallef** xehed illi flimkien ma' membri ohra tal-Iskwadra, waqqfu vettura BBQ808 gewwa Triq il-Belt Valletta, il-Mosta, li kienet misjuqa minn Geoffrey Turner. Minn taht is-seat qal illi nstabet borza b'xi pilloli u xi trab abjad, u minn gol-kexxun tal-vettura gie elevat basket

iswed illi kien fih xi pilloli. Gie elevat ukoll bott minn gol-kexxun li kien fih trab abjad u xi qratas.

Fit-tfittxija li saret fir-residenza numru 26, Triq il-Makna tas-Serrar, gewwa l-Imsida, fuq mejda tal-kamra tal-ikel, instab xi grass suspettat haxixa, u pipa li kien fiha xi tracci fuqha. Gie elevat ukoll mizien elettroniku u flus fl-ammont ta' seba' mija u sittin Ewro (€760). Qal illi ghadda kollox lill-Ispettur Pierre Grech.
Qal illi kienu f'din l-operazzjoni PS 1086, WPC 127, PC 760, PS 891, u WPC 23. Wara, fir-residenza, kienu PS 1086, WPC 127, u PC 760.

**PS 1086 Johann Micallef** ikkonferma li fil-vettura mal-imputat kien hemm ukoll passiggier – certu Damien Turner. Xehed ukoll illi hdejn saqajn l-imputat instabet borza b'xi ammont ta' pilloli, u fil-glove compartment tal-vettura borza sewda b'ammont ta' pilloli kulur blue u roza, u anke dan kien fih trab abjad.

**PC 760 Christopher Saliba** da parti tieghu qal illi twaqqfet vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBQ808. Anke kkonferma t-tfittxija fir-residenza tal-Imsida.

**PS 891 Oscar Baldacchino** wkoll ikkonferma s-sustanzi misjuba fil-vettura. Qal pero, illi t-tfittxija fir-residenza tat rizultat fin-negattiv. Zied pero, illi hu ma kinx involut f'tali tfittxija, cioe' dik li saret fir-residenza.

**WPC 23 Geraldine Buttigieg** ikkonfermat illi twaqqfet il-vettura BBQ808 u li anke saret tfittxija fir-residenza fejn l-imputat kien jghix ma' ommu.

L-istess **WPC 127 Carmen Gauci** li kkonfermat il-borza b'xi pilloli, u borza bi trab abjad fuq is-seat tal-vettura, borza elevata mill-glove compartment, kif ukoll illi nstabu fiha pilloli u xi trab abjad. Ikkonfermat ukoll l-ezebiti elevati li jidhru fuq il-faxxikolu fotografiku prezentat.

L-**Ispizjar Mario Mifsud** minn naha teighu, espleta l-inkarigu tieghu u ezebixxa r-relazzjoni Dok MM, fejn ikkonkluda hekk:
"

a. *Illi ma nstabux sustanzi llegali fil-haxix ahdar imfarrak li kien fid-dokument 223/12/03b, fuq il-mizien elettroniku li kien fid-dokument 223/12/04, fil-pipa tal-hgieg li kienet fid-dokument 223/12/06 u fit-tliet boroz tal-plastic li kienu fid-dokument 223/12/07;*

b. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) f'borza zghira tal-*plastic *trasparenti li kienet fid-dokument 223/12/03 u pipa tal-plastic li kienet fid-dokument 223/12/08;*

c. *Illi l-haxix ahdar imfarrak, li kien fid-dokument 223/12/03a f'ammont nett totali ta' 0.89 grammi, instab li kienu weraq imfarrak tal-pjanta tal-Cannabis. F'dawn il-weraq imfarrak instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) li l-*purita' *ghal din is-sustanza kienet ta' circa 5.9%. Il-pjanta tal-cannabis hija kkontrollata tal-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d. *Illi l-mija u ghaxar pilloli celesti li kienu fid-dokument 223/12/01 u 223/12/02 rispettivament instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine*

*(MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

e. *Illi l-mitejn u wiehed u tmenin pillola roza skur li kienu fid-dokument 223/12/02 instabet fihom is-sustanza metachlorophenylpiperazine (mCPP). Is-sustanza mCPP, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

f. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fi speci ta' tubu zghir tal-hgieg li kien fid-dokument 223/12/05 u fuq mizien elettroniku li kien jahdem li kien fid-dokument 223/12/07;*

g. *Illi t-trab ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokument 223/12/01 u 223/12/02 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 6.03 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokajina. Il-purita' medja ta' dan it-trab abjad ghas-sustanza Kokajina kienet ta' circa 43.2%. Is-sustanza Kokajina kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

h. *Illi l-prezz bl-immnut tal-pilloli u sustanzi misjuba, skont ir-rapport tar-Reitox Malta National Focal Point intitolat "2008 – 2010 National Report to the EMCDDA", kien ta' circa €4,414.*"

Kif intqal, Geoffrey Turner irrilaxxa stqarrija, dan moghti d-drittijiet kollha lilu spettanti skont il-Ligi; anke ghazel illi jiehu parir legali.

Qal illi kien jahdem bhala technician fuq solar water heaters; anke kien jaghmel part-time.

Ammetta li kien jabbuza mid-droga – ecstasy, coke, smoke, kokaina u cannabis. Kien ilu f'dan l-abbuz sbatax(17)-il sena.

Ikkonferma li kien gie mwaqqaf mill-pulizija u sabu d-droga fuqu - tliet mija u wiehed u disghin (391) pilloli ecstasy u seba' (7) grammi coke, fil-glove compartment u fuq is-seat tad-driver.

Qal illi dawn kien xtrahom ghalih, ghall-uzu personali, ghax nonostante l-ammont kbir qal illi kien juza ta' spiss. Qal illi kien jixtri bi kwantita' ghax johodha b'irhas.

Ecstasy qal illi kien jibla' ghoxrin (20) fil-gimgha, anke filghodu qabel ma jmur ghax-xoghol ghax kien iqum ghajjien u dawn kienu jgibuh f'tieghu.

Dwar il-kokaina qal illi kien juzaha biex joqghod relaxed id-dar, jiehu linja coke u jpejjep joint.

Qal illi l-boroz li sabu l-pulizija d-dar – wahda bi grass proprja u l-ohra sintetika, qal illi kien tahom hu lill-pulizija.

Ammetta li gieli anke pejjep resin.

Gharaf il-pipi kollha tieghu elevati.

Dwar il-mizien qal illi dak kien juzah biex jizen dak illi kien jixtri. Qal illi hu ma kellux ghalfejn ibiegh droga, kien jahdem bizzejjed. Qal illi hu qatt ma biegh droga.

Semma li kien jixtri minghand il-mejjet Victor Magri.

Qal illi d-droga misjuba fil-karozza kienet ilha ghandu gimgha; il-pilloli roza kien xtrahom versu Ewro(€1)-il wahda, u c-celestri erba' Ewro(€4)-il wahda. Il-coke sittin Ewro(€60)-il gramma. Kien ghadu jrid ihallashom. Dan kien jaghmlu ftit ftit fil-gimgha, skont il-paga u l-over time.

Qal illi s-somma ta' seba' mija u sittin Ewro (€760) misjuba ghandu kienu tips tax-xoghol u tisrif ta' muniti, kien qieghed ifaddal biex ihallas l-insurance.

Ikkonferma li kellu l-vettura BBQ Subaru Vivo.

Qal illi l-flus kien isarrafhom f'hanut "Convenience Shop" li kien jinsab tahtu u li ma kinitx l-ewwel darba li ghamel dan.

Viva voce moqrija lilu l-istqarrija, ikkonfermaha u qal illi llum kellu tmienja u tletin (38) sena, u li kien ilu sentejn (2) clean.

Spjega li hu qabel kien jiehu d-droga anke qabel ma jmur xoghol, u minflok café qal illi kien jiehu pilloli. Dak iz-zmien kien jahdem bhala service fuq solar heaters full time bil-ktieb. Kellu anke part-time job, jahdem fid-dawl u l-ilma.
Ecstasy qal illi kien jikkonsma tlieta (3), matul kull hin. Qal illi fil-weekend kien jiehu l-iktar ecstasy. Kellu delizzju tal-parties, jghid illi "*il-hin kollu*" (folio 249).
Zied illi f'party gieli ha sbatax(17)-il ecstasy. Dam f'din il-hajja sbatax(17)-il sena.

Dwar l-ammont ta’ pilloli misjub – tliet mija u wiehed u disghin (391), qal illi dawn kienu jdumu ghandu xi xahar u nofs (1 ½).
Qal illi minnhom tar-rota ma kinux tajbin hafna, kien xtrahom Ewro(€1)-il wahda. Gieli anke xtara bl-ghaxar Ewro (€10) jew hmistax-il Ewro (€15). Paga mensili kienet kwazi skondtu tmur fuq hekk.

Ikkonferma li hu lill-pulizija tahom l-smoke. Qal illi ma kinx xtara l-pilloli roza u bluni f’daqqa.
Xtrahom bil-hsieb illi johodhom hu.

Qal illi hu l-gurnata tal-lum kien jahdem mid-dar ta’ ommu biex ikun taht ghajn il-genituri tieghu. Hu waqaf mid-droga ghax ghamel xahrejn (2) ghand il-genituri tieghu jirkupra minn incident bil-mutur.

Dwar il-flus misjuba qal illi dawn kienu ghall-hlas tal-insurance tal-karozza u mutur illi kienu jiskadu fl-ahhar ta’ Frar. Dawn kien ifaddalhom f’bott bil-muniti u kien isarrafhom fil-“Convenience Shop”.

Qal illi llum il-gurnata kien settled u li kien tajjeb.

**Peter Turner, missier l-imputat**, qal illi issa Geoffrey kien qed jghix go daru u kien accettat ghal kollox.
Qal illi qabel ibnu kien hazin, kien joqghod ghall-kliem tal-hbieb. Qal illi pero dejjem irrispettahom. Qal illi hu sar jaf li ibnu kellu problema ta’ droga wara li nqabad. Qal illi sar jaf wara lejl icemplulu u hadd ma jirrispondi l-mobile.
Qal illi llum kien izommu taht il-kustodja tieghu.
Qal illi ibnu mid-dar kien jaghmel xoghol ta’ tapizzar.

Ikkunsidrat, anke wara li semghet it-trattazzjonijiet:

Illi d-Difiza fit-trattazzjoni taghha tat x'wiehed jifhem illi l-imputat kien qed jammetti ghall-pussess semplici, ghalkemm dan qatt ma gie registrat bil-formalitajiet li trid il-Ligi fejn si tratta ta' ammissjoni.
Insistiet illi l-ammont kollu ta' droga misjub, specjalment ecstasy li kien wiehed assai konsiderevoli, kien ghall-konsum personali stante l-vizzju kbir li suppost kien afflitt bih l-imputat.

Illi kif ben hu risaput, ma hemm ebda regola fissa li tiddetermina kif ghandu jigi pruvat il-pussess aggravat. Dan jirrizulta minn ezami tal-assjem tal-provi prodotti.

Verament a tempo vergine l-imputat stqarr illi dawn kienu ghall-uzu esklussiv tieghu – ecstasy fl-ammont ta' tliet mija u wiehed u disghin (391) pillola. Qal u rega' rrepeta, dan viva voce, illi kellu vizzju kbir ta' droga ecstasy, tant illi kien jiehu skondtu circa ghoxrin (20) pillola fil-gimgha, jibda minn filghodu qabel ma jidhol xoghol. Qal illi kien xtara hazna ghal xahar u nofs (1½), meta skont il-kalkolu tal-Qorti sitt (6) gimghat circa. Dan ghax kien xtrahom bl-irhis ghax xtara bi kwantita'. Qal ukoll illi kienu ilhom ghandu circa gimgha.

Instabulu anke seba' (7) grammi coke – dwar dan qal illi kellu vizzju li biex jirrileksja jigbed linja filghaxija.

Dan iz-zmien kien jghix ghal rasu mal-ex partner tieghu.

Fiz-zmien tax-xhieda viva voce kien ingabar ghand il-genituri tieghu, f'darhom.

Missieru xehed illi ghalih sar jaf li ibnu kellu dan il-vizzju tant akut biss wara li gie arrestat!!

F'analizi ta' dawn il-fatti, il-Qorti hawn ser ticcita dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt Nezren Grixti) vs Ninian Mangion*" deciza nhar id-9 ta' Marzu, 2010 fejn intqal hekk:

"*Illi, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri" [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi*

*mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*"

Ovvjament, tenut dan jibqa' jinkombi dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova li d-droga ma kinitx ghall-uzu eslussiv tal-imputat.

Hawn il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak illi qalet il-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***The Police vs Steven Charles Bartram***" deciza nhar it-2 ta' Ottubru, 2014, fejn intqal hekk:

"*In this case it resulted that almost a hundred and thirty (130) tablets ecstasy were found in the possession of the accused. Of that there is no doubt. This Court believes that this amount is far too excessive to justify any personal use. In the case "Police versus Carmel Spiteri" decided on the 2nd of September 1999, the Court held that, "when a substantial amount of drugs are found, this on its own can be enough to satisfy the Court that the possession of that drug was not for the exclusive use of the person concerned." This Court considers that besides the ecstasy, cannabis seeds and dried cannabis leaves together with weighing scales were also found in the possession of the accused. It is indeed difficult to believe how all these drugs could have been for the exclusive of the appellant when the Court considered that every drug has got a limited shelf life and if not consumed within a limited time frame they will lose their effect and might as well*

*be thrown away unless of course they are disposed of in any other manner. It is not the competence of this Court to speculate on how this manner could be achieved. The important thing is that too many pills were found to justify anyone's personal use. In no matter what appellant's psychological condition or health was at the time there is no way he could help himself with self medication without seeking professional help from a psychologist or psychiatrist.*"

Espressi dawn l-opinjonijiet tal-Qrati taghna, din il-Qorti thoss, in linea ma' dan, illi d-droga kollha misjuba qajla tista' tkun ghall-konsum personali, ghax anke skont dak illi xehed fir-rigward tal-konsum tieghu l-imputat, l-ammont xorta matematikament jibqa' eccessiv!

Haga ohra li okrot ghajn il-Qorti hija d-droga li kienet ilha mixtrija gimgha ghall-uzu personali, ezattament x'kienet qed taghmel tigri fil-vettura tal-imputat mieghu?!

Stramb ukoll dak illi xehed il-missier illi sar jaf bil-vizzju daqstant kbir ta' ibnu meta dan gie arrestat!! Fejn jahseb li kien qieghed ibnu meta wehel gia' sitt (6) xhur habs fis-sena 2007 fir-rigward tas-sentenza suesposta, Dok PG3?

Illi l-Qorti hija ghalhek konvinta li l-imputat kien f'pussess tad-droga misjuba mhux ghall-uzu eslussiv tieghu, u dan ghalhekk qed issib htija fil-konfront tal-ewwel u t-tieni akkuza;
Ammetta wkoll il-pussess semplici fl-istqarrija, u ghalhekk hati tat-tielet u r-raba' akkuzi.

Ghaldaqstant, qed issib htija wara li rat l-Artikoili 40A, 120A, u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Avviz

Legali 22/1985 Regolament 3; l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985; kif ukoll GN 292/1939; L.S. 101.02 Regolament 9; l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqisu wkoll recidiv wara li rat is-sentenza ezebita, u rat ghalhekk l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset ukoll illi jidher li llum l-imputat verament jidher illi qed jipprova jeghleb il-problema, forsi anke bl-ghajnuna tal-familja tieghu, pero l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa tassattiv fl-applikazzjoni tal-piena;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat illi r-reat ta' pussess huwa mezz ghall-fini ta' dak bl-aggravju, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tnax(12)-il xahar; u ghal multa ta' elfejn Ewro (€2,000), dan anke stante l-progress li jidher li llum ghamel.

Dwar il-flus misjuba u ezebiti u mmarkata bhala KB 115.2012, wara li rat id-dokumenti ezebiti mix-xhud David Borg Saidon, sales manager ta' All Care Insurance Agency Ltd;
Rat ukoll il-polza tal-mutur Honda u tal-vettura Subaru Vivo, it-tnejn kienu kif xehed l-imputat jiskadu fi Frar. Qieset li sal-grad tal-probabbli dak li qal l-imputat dwar it-tfaddil tal-muniti biex ihallas dawn il-poloz kien probabbli, konsegwentement mhix qed tordna l-konfiska tal-flus.

Tordna pero l-konfiska tal-oggetti kollha misjuba in relazzjoni mad-droga (KB 404.2012), u konsegwentement distruzzjoni taghhom.

Tordna wkoll il-konfiska tal-vettura ezebita BBQ808 bhala Dok PG.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hlas tal-ispejjez legali fl-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u sebghin Ewro u sitta u disghin centezmu(€1,478.96).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------